MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 421/2010

**Mario Gauci**

***kontra***

**Peter Agius**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf imressaq bil-procedura sommarja

specjali fit-28 ta' April 2010 li bih l-attur, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ erbghin elf Ewro (€40,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat illi l-atti tar-rikors mahluf flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikati lill-lill-konvenut skond il-ligi ;

Rat illi l-konvenut naqas li jidher ghall-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2010 meta ssejhet il-kawza wara d-9.00 a.m. u b’hekk baqa` kontumaci ;

Ezaminat l-atti ;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw ippruvati ;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi –

**Tilqa’ l-ewwel talba** attrici u taqta’ l-kawza minghajr is-smigh ;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ erbghin elf Ewro (€40,000) ghar-ragunijiet moghtija mill-attur, bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’effett mit-28 ta’ April 2010 (data tal-presentata tar-rikors mahluf) sad-data tal-hlas effettiv ;

**Tikkundanna** lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------